# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn disgha (9) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 353/13 FDP**

**Enemalta plc**

**vs**

**B. Grima and Sons Limited**
**(C 34602)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 7 ta' Novembru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha is-somma ta' sebat elef, mija u sitt euro u sbatax-il centezmu rappresentanti danni kkagunati minnhom f'propjeta' tal-korporazzjoni attrici bejn il-Mosta Distribution Centre u Tas-Saghat Substation tar-Rabat, gewwa Ta' Qali limiti tar-Rabat fit 30 ta' Dicembru 2010.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datat 22 ta' Novembru 2012 u imghaxijiet mit 30 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fis 27 ta' Novembru 2013 fejn cahdet it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-hsarat kkawzati ma sehhewx ghal ragunijiet attribwibbli lis-socjeta intimata.

Semghet ix-xhieda ta' **Patrick Borg Bonanno** moghtija fl-10 ta' Marzu 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Martin Micallef** moghtija fl-10 ta' Marzu 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **David Bonanno** moghtija fl-10 ta' Marzu 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Jacqueline Busuttil** moghtija fid-9 ta' Mejju 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Nicholas Baldacchino** moghtija fid-9 ta' Mejju 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' **Nicholas Baldacchino** moghtija fis-16 ta' Gunju 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri ippresentata mis-socjeta rikorrenti fis 16 ta' Gunju 2014.

Rat illi fis 16 ta' Gunju 2014 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat l-affidavits ta' **Adam Grima** u **Joshua Grima** ippresentati fit 18 ta' Settembru 2014.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Patrick Borg Cardona u Martin Micallef moghtija fis 26 ta' Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' David Bonanno moghtija fis 26 ta' Farr 2015 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Nicholas Baldacchino moghtija fl-20 ta' April 2015 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata seduta stante.

Semghet ix-xhieda ta' **Lorraine Cassar**, prodotta mis-socjeta intimata u moghtija fil 15 ta' Gunju 2015.

Rat illi fil 15 ta' Gunju 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fit 30 ta' Lulju 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata ippresesntati fit 22 ta' Settembru 2015.

Rat illi fil 5 ta' Ottubru 2015 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti tal-kaz odjern huma relattivament semplici.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata, wara li kienet rebhet tender mahrug mit-Transport Malta sabiex tinstalla sinjali tat-traffiku u taghmel xoghlijlet minuri relatati ma' l-istess xoghlijiet, kienet giet inkarigata mill-istess Awtorita sabiex tinstalla 'Crash Barrier' gewwa Ta' Qali, aktar precizament it-triq illi min Triq id-Durbumblat twassal ghar-Rabat minn hdejn Ta' Qali, kif jidher fir-ritratt a fol 29 tal-process.

Jirrizulta illi skond il-permess mahrug mill-istess Transport Malta fit 30 ta' Dicembru 2010, tali xoghlijiet kellhom isiru bejn it-30 ta' Dicembru 2010 u l-1 ta' Gunju 2011, bil-kundizzjonijiet varji maghha inkluza (fol 83).

Jirrizulta illi fit-30 ta' Dicembru 2010, Joshua Grima mar flimkien ma' impjegat iehor fil-post lilhom indikat sabiex jaghmel l-installazzjoni ta' l-istess crash barrier, u di fatti, jirrizulta illi huma taqbu varji toqob fit-triq sabiex iniffdu s-saqajn tal-crash barrier fit-triq, u pprocedew biex installaw l-istess crash barrier.

Jirizulta illi, mument minnhom, hekk kif kienu qed jaghmel x-xoghlijiet, gew fuqhom zewgt impjegati ta' l-Enemalta u gharrfuhom illi fil-parti kbira ta' fuq ta' Malta kien mar id-dawl u kienu qed jissuspettaw li tali hsarat setghu gew ikkawzati mix-xoghlijiet illi kienu qed jaghmlu l-intimati.

Jirrizulta illi, sussegwentement, id-dawl gie ripristinat mill-Enemalta u l-istess Enemalta bdew jaghmlu l-istharrig taghhom u wara illi qalghu dik il-parti tat-triq hdejn il-crash barrier illi kien ghadu kif gie installat, irrizulta illi kien hemm cable tad-dawl ghaddej fit-triq u dana intlaqat meta kien qed jigi installat il-crash barrier f'zewgt postijiet, kif jidher fir-ritratti a fol 31 u fol 40.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti eventwalment ghamlet ix-xoghlijiet ta' riparazzjoni kemm tal-cable tad-dawl kif ukoll fit-triq illi kellha terggha tigi asfaltata mill-gdid, liema xoghlijilet swew b'kollox lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' sebat elef, mija u sitt Euro u sbatax-il centezmu (€7,106.17) kif jirrizulta mill invoice ippresentata mill-istess socjeta rikrorenti a fol 48 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta intimata qieghda tikkontesta ir-responsabbilta' ta' tali hsarat abbazi tal-fatt illi hadd mis-socjeta intimata ma kien responsabli ghall-hsarat illi saru u, anke jekk setghu kienu responsabbli ghall tali hsarat, huma agixxew bi prudenza diligenza u attenzjoni u ghalhekk ma kienux responsabbli.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ghalkemm il-kundizzjonijiet imposti fuq is-socjeta intimati kienu jirrikjedu illi qabel ma jibdew ix-xoghlijliet mehtiega, huma kellhom igibu l-permessi mill-Kunsill Lokali, dana ma ingiebx, ghalkemm l-istess socjeta intimata ippruvat turi illi attwalment kienet gabet permess billi esebiet, a fol 84 tal-process, dokument mhux iffirmat u mhux datat illi ma jaghmel ebda referenza ghax-xoghljliet in kwistjoni izda huwa biss dokument generali.

Jirrizulta ukoll, mill-provi prodotti, illi s-socjeta intimata qatt ma kkonsultat ma ebda utilita' ta' servizzi dwar ix-xoghol illi kienet ser taghmel, u di fatti l-impjegati tas-socjeta rikorrenti gew a konoxxenza ta' fejn seta kien il-'fault' meta **<u>b'kumbinazzjoni</u>**, raw lill Joshua Grima u l-impjegat taghhom jahdem fuq il-post – kieku ma kienx dak il-fatt, is-socjeta rikorrenti kien ikollha diffikulta' ferm akbar sabiex tirrintraccja malajr fejn seta kien il-hsara.

Jirrizulta, bl-aktar mod car u limpidu, mir-ritratti esebiti miz-zewgt partijiet, illi l-cable tad-dawl intlaqat certament f'zewgt postijiet, u dana intlaqat mill-hadid tal-crash barrier fit-tarf tal-crash barrier, kif jidher fir-ritratt a fol 91 etc esebit mill-istess socjeta intimata kif ukoll fin-nofs, kif jidher fir-ritratt a fol 40 tal-process.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata ippruvat tezimi ruhha mir-responsabbilta' taghha billi qalet illi l-cables tad-dawl kellhom ikunu ta' fond ta' mhux anqas minn metru u jkollhom kaptelli tal-gebel fuqhom filwaqt illi l-hadid tal-crash barriers ma kellhom jinzlu aktar minn tmenin centezmu 'l isfel – is-socjeta intimata, madanakollu, ma pproduciet ebda provi sabiex turi il-fond illi fiha hija nizzlet il-hadid tal-crash barriers u ma pproduciet ebda prova biex turi illi l-cables tad-dawl ma kienux imqieghdin kif rikjest mill-Ligi.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi r-ritratti esebiti quddiem din il-Qorti miz-zewgt partiiet juru bl-aktar mod car illi l-cable tad-dawl kien intlaqat mill-hadid tal-crash barrier illi kien iddahhal fl-art mis-socjeta intimata.

Ghalhekk il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex issib lis-socjeta intimata responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha u wara illi rat is-sottomissjonjiet ta' l-abbli difensuri tal-partjiet.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichaq** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** t-talbiet attrici kollha u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata B Grima and Sons Limited thallas lis-socjeta rikorrenti Enemalta plc is-somma ta' sebat elef, mija u sitt Euro u sbatax-il centezmu (€7,106.17) rappresentanti l-hsarat ikkawzati mill-istess socjeta intimata f'cable tad-dawl gewwa Ta' Qali, kif fuq ahjar deskritt.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mill-11 ta' Dicembru 2012, data meta l-Ittra Ufficjali datata 22 ta' Novembru 2012 giet notifikata lis-socjeta intimata, sad-data tal-pagament effettiv ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**